MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2569/1999/1

**Alfred Attard**

**vs**

**John Vella**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ April, 2002. Permezz ta’ din is-

sentenza l-konvenut gie misjub hati li mmalafama permezz stampat lill-attur u gie ikkundannat ihallas lill-istess attur is-somma ta' erba' mitt lira bhala danni flimkien ma ' l-ispejjez gudizzjarji.
2. Fic-citazzjoni tieghu l-attur ippremetta li b'kitba (f'forma ta' ittra miktuba u ffirmata) intitolata "Vittmi ta' loghba politika" li dehret fil-harga ta' l-"Orizzont" tal-24 ta' Lulju, 1999, gew attribiwiti lilu fatti determinati foloz u malafamanti bl-iskop li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. Huwa talab ghalhekk lil dik il-Qorti (i) li tiddikjara u tiddeciedi li bil-pubblikazzjoni msemmija l-konvenut immalafamah u illibellah billi esponieh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, (ii) li tillikwida l-ammont dovut bhala danni, u (ii) li tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat lilu, cioe` lill-attur, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

3. Il-konvenut eccepixxa hekk:

**"Illi l-ittra msemmija fit-talbiet ta' l-attur hija wahda veritiera u dan kif jista' jigi ippruvat ai termini ta' l-Artikolu 12 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta."**

4. Fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2000 l-ewwel Qorti iddifferiet il-kawza *"…sabiex jinstemghu ix-xiehda kollha taz-zewg partijiet, jinstemghu l-ewwel dawk tal-konvenut, ghall-4 ta' Ottubru, 2001, tissejjah fid-9.30 u tibqa' tinstema' sa l-ghaxra."* Dik il-Qorti ziedet hekk fil-verbal taghha: *"Il-Qorti twissi lill-partijiet li wara dakinhar ma tinghatalhomx okkazzjoni ohra biex iressqu x-xiehda taghhom."*

5. Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2001 il-konvenut baqa' ma deherx (ghalkemm deher l-avukat difensur tieghu). Ghalhekk l-uniku xhud li nstema' (qabel ma l-qorti ghaddiet ghas-sentenza) kien l-attur. Huwa fisser liema kienu l-brani ta' l-ittra li hassu ingurjat bihom[1]:

[1] Il-kliem sottolineat huwa dak li l-attur appellat, fid-deposizzjoni tieghu, specifika bhala li jaghtuh malafama.

**a. "…ghax hu irrizenja darbtejn mill-Kunsill fi ftit xhur jew gimghat minhabba li ma sarx Sindku u ggieled ma' kulhadd, Kunsillieri, dipartimenti, kuntratturi, haddiema u sahansitra, il-poplu Bormliz."**

**b. "Nistaqsi: ghaliex lill-votanti u lill-Kunsill, Attard ittradihom tant, li mit-tieni Kunsill spicca keccieh il-Ministru Laburista Alfred Portelli?"**

**c. "Dan zgur hu ezempju li Attard imissu jikkopja u mhux jivvinta, jimmalafama u johloq kull tip ta' dubju biex jipprova jhammeg kif ghamel f'kazi ohra."**

**d. "Dal-kliem diga` smajnih jinghad fil-konfront ta' minn ikun fuq zaqq xi hadd. Hekk qalu politikanti bla skruplu bhal Hitler u Milosevic, dwar dawk li opponew it-tmexxija taghhom qabel telghu fil-poter."**

6. L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet hekk:

**"Il-kitba li dwarha qieghed jilmenta l-attur hija dwar x'kien ghamel l-attur meta kien kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Bormla. Meta xehed fl-4 ta' Ottubru 2001, l-attur fisser liema kienu l-partijiet li l-aktar li weggghuh. Il-konvenut, ghalkemm ressaq l-eccezzjoni illi dak li kiteb ghandu mis-sewwa, u ghalhekk tefa' fuqu l-oneru li jgib il-prova tal-verita` tal-fatti msemmija fil-kitba, baqa' ma ressaqx xiehda, u ghalhekk dik il-prova naqas milli jaghmilha. F'dawn ic-cirkostanzi, sewwa qal l-attur, fl-ewwel paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, illi l-konvenut, meta ressaq l-*exceptio veritatis*, ha r-responsabbilta` kollha tal-malafama … Il-konvenut mela qieghed jghid li l-attur iggieled ma' kulhadd, tkecca minn kunsillier ghax ittradixxa lill-kunsill u lill-votanti (fil-fatt kien tkecca ghax ma attendiex ghal-laqghat tal-kunsill), jimmalafama u jhammeg lill-haddiehor, u jimxi fuq l-ezempju ta' politikanti bhal Hitler u Milosevic. Dawn huma asserzjonijiet ta' fatti precizi, mhux osservazzjonijiet jew kummenti, u huma fatti li l-konvenut ma ressaq ebda prova dwar il-verita` taghhom. Huma wkoll asserzjonijiet illi minnhom**

**infushom juru l-hsieb ta' min ghamilhom li jwaqqa' l-gieh ta' l-attur."**

Kien ghalhekk li l-konvenut instab hati ta' malafama permezz ta' stampat u gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' Lm400.

7. Il-konvenut appellant, fir-rikors ta' appell tieghu, ghandu erba' aggravji, li ser jigu trattati *seriatim*, ghalkemm l-ewwel tnejn huma fis-sustanza identici, b'mod li ghandhom neccessarjament jigu trattati flimkien. L-appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti, ghalkemm korrettement irrilevat li huwa kien eccepixxa il-verita` tal-fatti, ma kienitx korretta meta injorat kemm id-dikjarazzjoni guramentata tieghu migjuba flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet kif ukoll il-kontro-ezami ta' l-attur maghmul fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2001. L-appellant jikkontendi li ma hemmx xi regola fissa dwar kif il-prova tal-verita` tal-fatti ghandha ssir, u li din tista' ssir ghalhekk anke permezz ta' dak li jistqarr l-istess attur. Fir-rigward ta' dan l-aggravju (proprjament, kif inghad, zewg aggravji) din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut ipprezentata flimkien man-nota ta' eccezzjoni tieghu tat-3 ta' Frar, 2000, kif ukoll id-deposizzjoni – in ezami u kontro-ezami – ta' l-attur. Kwantu ghall-imsemmija dikjarazzjoni guramentata, din il-Qorti hi tal-fehma li din ma tipprova xejn. Certament ma hix prova, meta hemm kontestatzzjoni dwar jekk il-"basic facts" humiex veri o meno, li l-konvenut semplicement jiddikjara bil-gurament izda b'mod generiku ghall-ahhar, li hu *"…kiteb b'mod car u dirett x'kienu l-fatti verament…"* u li b'ebda mod ma *"…attribwixxa xi fatti lill-attur li kienu foloz…illi kull fatt li indika l-esponenti fil-kitba tieghu kien fatt maghruf pubblikament…".* Dak li kellu jipprova l-konvenut appellant kien li <u>fatti specifici</u> kienu veri, b'mod li allura anke certi kummenti dwar dawk l-istess fatti jistghu jitqiesu bhala "fair comment". Fid-dikjarazzjoni guramentata din il-Qorti ma tirravviza ebda "prova" f'dan is-sens. L-istess, pero`, ma jistax jinghad fir-rigward tal-kontro-ezami ta' l-attur, peress li minn dan il-kontro-ezami <u>certi fatti specifici</u> – mhux il-fatti kollha – jirrizultaw pruvati minn dak li jghid l-istess attur. Hekk jirrizulta ippruvat li l-

attur kien iddekada mill-posizzjoni tieghu ta' kunsillier wara li ma kienx attenda ghal numru ta' seduti skond il-ligi, u kien gie infurmat b'din id-dekadenza mill-allura Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali Alfred Portelli. Jirrizulta pruvat ukoll li l-attur qal il-kliem – riportati fl-ittra inkriminata minnufih qabel il-kliem tar-raba' bran li minnu qed jilmenta l-attur (il-bran "**d**", *supra*) – u cioe` *"Lill-Kunsill Lokali haga wahda nghidulhom: Bormla mhix ser tghidilkom grazzi…inkunu grati jekk min qed jostakola lill-Bormlizi, iwarrbilna minn issa…Bormla taf tithallas mod iehor. U m'ahniex niccajtaw?"*. Dawn il-kliem l-attur ammetta li huwa kien kitibhom. Pero` sa hawn tasal il-prova tal-verita` tal-fatti li rnexxielu jaghmel il-konvenut permezz tal-kontro-ezami ta' l-attur. Minn dan kollu la jirrizulta li l-attur irrizenja darbtejn minhabba li ma sarx sindku, la jirrizulta li hu ggieled ma' kulhadd, u lanqas li <u>tkecca</u> ghaliex kien ittradixxa lill-votanti u lill-Kunsill. Il-kelma tkecca timplika li l-attur ghamel xi haga hazina u mhux semplicement li hu deliberatament ghazel li ma jattendix seduti tal-Kunsill – u lanqas li jivvinta, jimmalafama u jhammeg. Kwantu ghall-kliem appena riportati in korsiv – kliem li fil-fatt, kif inghad, l-attur appellat jammetti li kitibhom – dawn il-kliem, specjalment it-theddida implicita ta' tpattija b'mod mhux specifikat jekk il-Bormlizi li kienu qed jostakolaw ma jwarrbux, kienu jirrendu r-referenza ghal "politikanti bla skruplu bhal Hitler u Milosevic" semplici kumment li, ghalkemm fil-kuntest limitat tal-politika lokali, jista' appena jigi ttollerat u ghalhekk jista' jitqies bhala kumment permissibbli f'socjeta` demokratika. Fi kliem iehor, din il-Qorti qed tghid li mill-erba' brani msemmija aktar 'l fuq, huma biss l-ewwel tlieta li jistghu jitqiesu bhala malafamanti in kwantu ghall-fatt li l-verita` tal-fatti riferibbilment ghalihom ma giet b'ebda mod ippruvata.

8. It-tielet aggravju tal-konvenut appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li erbat ijiem wara (proprjament hamest ijiem wara, fid-29 ta' Lulju, 1999) li giet ippublikata l-ittra inkriminata, l-attur kellu ittra tieghu pubblikata bl-istess prominenza fl-istess gurnal li fiha rribatta xi whud mill-punti mqajma fl-ittra inkriminata. Jilmenta wkoll l-appellant li l-ewwel Qorti ma

haditx in konsiderazzjoni l-fatt li l-ittra inkriminata ma jidher li kellha ebda impatt partkolari fuq il-hajja pubblika ta' l-attur. Dan l-aggravju huwa infondat. Il-fatt li persuna taghmel uzu mid-dritt tar-risposta b'ebda mod ma jnaqqas mid-dritt taghha li tagixxi ghall-malafama skond il-Kap. 248 (ara s-subartikolu (5) tal-Artikolu 21 tal-Kap. 248). Anqas ma tara x'relevanza jista' jkollu l-fatt li l-attur baqa' attivi fil-hajja pubblika lokali. Il-malafama tibqa' tali anke jekk, bhala fatt, il-persuna malafamata ma ssofrix xi konsegwenzi ulterjuri ghall-ingurja permezz ta' stampat li tkun saritilha. Dana l-aggravju semplicement ma jaghmilx sens.

9. L-ahhar – ir-raba' – aggravju hu fis-sens li dak li nkiteb mill-konvenut fl-ittra tal-24 ta' Lulju, 1999 kien, fid-dawl ukoll ta' l-ittra responsiva tal-attur tad-29 ta' Lulju, 1999, jammonta ghal semplici kumment, li huma manifestazzjoni tad-dritt tal-liberta` ta' espressjoni. Din il-Qorti ma taqbilx. Kif jinghad f'***Gatley on Libel and Slander*** [2]:

**"Whether a statement is one of fact or is a comment is a matter of interpretation in the light of all the circumstances known to those to whom the words are published, in particular the context in which the words appear. If in the light of those circumstances a reasonable member of the public would understand the words as the expression of an opinion on facts, or as an inference drawn from facts, the words will be held to be comment."** (para. 699, pagna 295).

Applikata din ir-regola, din il-Qorti ma tistax tara kif l-allegazzjonijiet li l-attur kien irrizenja darbtejn ghax ma kienx sar sindku, li ggieled ma' kulhadd, li tkecca mill-Ministru, u li jivvinta, jimmalafama u jhammeg jistghu jammontaw ghal kumment. Kif inghad, l-uniku "statement" li din il-Qorti tqis li kien kumment huwa dak li jirreferi ghall-politikanti bla skruplu, u dan peress li gie ppruvat li l-attur qal il-kliem li wassal ghal dik l-espressjoni ta' opinjoni – forsi ftit harxa pero` mhux li tmur oltre dak ammissibbli

[2] 8th ed. Sweet & Maxwell (London), 1981.

f'socjeta` demokratika anke jekk biss fil-kuntest ta' gvern lokali – fuq dawk l-istess kliem.

10. Konsegwentement din il-Qorti tara li fil-kaz odjern hemm lok mhux ta' revoka, kif qed jitlob l-appellant, izda semplicement ta' varjazzjoni fis-sentenza appellata. Ghalhekk din il-Qorti thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti illikwidat id-danni fis-somma ta' erba' mitt lira, fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma, u fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez gudizzjarji kollha, u minflok tillikwida d-danni fis-somma ta' mitejn u sebghin lira (Lm270) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' mitejn u sebghin lira (Lm270); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jithallsu kwantu ghal erba' parti minn hamsa (4/5) mill-konvenut appellant u r-rimanenti parti wahda minn hamsa (1/5) mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------